MALTA

ATT Nru. III ta' l-1987

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT għar-ratifika ta' Ftehim dwar id-Delimitazzjoni tal-Blata Kontinentali bejn ir-Repubblika ta' Malta u l-Kbira Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari u Soċjalista.

ACT No. III of 1987

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to ratify an Agreement delimiting an area of the Continental shelf between the Republic of Malta and the Great Socialist People's Libyan Arab Jamahiriya.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

29 ta' Jannar, 1987

ATT Nru. III ta' l-1987

ATT għar-ratifika ta' Ftehim dwar id-Delimitazzjoni tal-Blata Kontinentali bejn ir-Repubblika ta' Malta u l-Kbira Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari u Soċjalista.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:–

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1987 dwar ir-Ratifika tad-Delimitazzjoni tal-Blata Kontinentali bejn Malta u l-Libja.

Ratifika ta' Ftehim.

2. Il-Ftehim bejn ir-Repubblika ta' Malta u l-Kbira Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari u Soċjalista li jġib fis-seħħ Artiklu III tal-Ftehim Speċjali u s-Sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, iffirmat fl-10 ta' Novembru, 1986 u li kopja tiegħu qegħda fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att, qiegħed jiġi b'dan ratifikat u l-bdil tad-dokumenti ta' ratifika dwar dak il-Ftehim għall-għanijiet ta' l-Artikolu 4 tiegħu qiegħed jiġi b'dan awtorizzat.

(Artikolu 2) SKEDA

FTEHIM
bejn
IR-REPUBBLIKA TA' MALTA
u
L-KBIRA ĠEMAHIRIJA GĦARBIJA LIBJANA
POPOLARI U SOĊJALISTA
li jġib fis-seħħ
ARTIKOLU III TAL-FTEHIM SPEĊJALI
u
S-SENTENZA TAL-QORTI INTERNAZZJONALI TAL-ĠUSTIZZJA

Il-Kbira Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari u Soċjalista u r-Repubblika ta' Malta.

Billi jixtiequ jġibu fis-seħħ l-Artikolu III tal-Ftehim Speċjali iffirmat bejn iż-żewġ pajjiżi fl-24 Jumada Al-Ula, 1396, korrispondenti għat-23 ta' Mejju, 1976, u s-Sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja mogħtija fit-3 ta' Ġunju, 1985 fil-każ dwar il-Blata Kontinentali, Ġemahirija Għarbija Libjana/Malta.

Jiftehmu kif ġej:

Artiklu 1

Id-delimitazzjoni tal-Blata Kontinentali appartenenti lill-Kbira Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari u Soċjalista u lir-Repubblika ta' Malta rispettivament ġewwa l-meridjani 13° 50' lvant u 15° 10' lvant għandhom ikunu arki ta' ċrieki kbar bejn il-ponti li ġejjin fis-sekwenza mogħtija hawn taht:–

	Latitudni Tramuntata	*Longitudni Lvant*
Pont 1	34° 40' 46" T	13° 50' 00" L
Pont 2	34° 40' 10" T	13° 52' 31" L
Pont 3	34° 39' 16" T	13° 56' 09" L
Pont 4	34° 37' 11" T	14° 04' 15" L
Pont 5	34° 37' 02" T	14° 05' 14" L
Pont 6	34° 35' 20" T	14° 15' 37" L
Pont 7	34° 34' 07" T	14° 23' 54" L
Pont 8	34° 33' 07" T	14° 31' 29" L
Pont 9	34° 32' 18" T	14° 37' 24" L
Pont 10	34° 31' 20" T	14° 49' 07" L
Pont 11	34° 29' 53" T	15° 10' 00" L

Il-pożizzjoni tal-ponti f'dan l-Artiklu huma definiti b'latitudni u longitudni skond *European Datum*.

Artiklu 2

Għall-finijiet illustrativi biss il-linja ta' konfini definita bil-ponti kardinali indikati fl-Artiklu 1 hija murija fl-*Admiralty Chart* Numru 176 Skala 1: 1,100,000 f latitudni 39° 00' ippublikata minn Taunton, 31 ta' Ottubru, 1969, li hija annessa mal-Ftehim u tifforma parti integrali miegħu.

Artiklu 3

Jekk jiġi stabbilit li r-riżorsi naturali f'qiegh il-bahar jew taht l-art tieghu jestendu fuq iż-żewġ nahat tal-konfini tal-Blata Kontinentali, kif definita fil-Ftehim, b'mod li r-riżorsi li jinsabu fl-area tal-Blata Kontinentali ta' wahda mill-Partijiet jistghu jiġu sfruttati, kollha jew in parti, mill-area tal-Blata Kontinentali tal-Parti l-ohra, l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ pajjiżi ghandhom jiehdu hsieb li jikkonsultaw lil xulxin bil-ghan li jiddeterminaw il-mod kif dawn ir-riżorsi ghandhom jiġu sfruttati.

Artiklu 4


Dan il-Ftehim jibda jseħħ immedjatament mad-data tal-bdil tad-dokumenti ta' ratifika.

MAGĦMUL f'Valletta fis-7 Rabia el Ewwel 1396 li tikkorrispondi għall-10 ta' Novembru, 1986 f'żewġ oriġinali fl-ilsien Għarbi u fl-ilsien Ingliż, iż-żewġ testi awtentiċi ndaqs.

Alex Sceberras Trigona
GĦAR-REPUBBLIKA TA' MALTA

Hassan Abdulati El Barghati
GĦALL-KBIRA ĠEMAHIRIJA GĦARBIJA LIBJANA POPOLARI SOĊJALISTA

(Annex mal-Ftehim)
Mappa ta' l-Ammiraljat Numru 176



Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 435 tas-26 ta' Jannar, 1987.

PAUL XUEREB
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati